MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1513/2004

**Cutajar Limited**

**vs**

**William Hales**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm243.50) rapprezentanti hlas ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Marzu 2004 u bl-imghax legali mid-9 ta' Dicembru 2002 data ta' l-ahhar konsenja tal-oggetti sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm243.50), bl-imghax pagabbli mid-9 ta' Dicembru 2002 sa l-effettiv pagament..

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------